MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 207/2006

**A B maghrufa wkoll bhala A C**
**vs**
**D C, E F, Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Dottor Richard Sladden u l-Prokuratrici Legali Veronica Rossignaud nominati b’ digriet tas-26 ta’ Jannar 2007 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri G C kjamat fil-kawza b’ digriet tad-9 ta’ Novembru 2006**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-esponenti hija mizzewga lill-konvenut D C (vide Dok. A) pero’ huma ilhom separati fattwalment ghal zmien twil u ilhom ma jkollhom ebda forma ta’ kuntatt flimkien ghal snin shah.

2. Illi l-esponenti tinsab f' relazzjoni serja u duratorja mal-konvenut l-iehor E D' Aponte.

3. Illi fl-20 ta' Dicembru, 2005 twieled il-minuri G C, bin l-esponenti (vide Dok. B).

4. Illi, fid-dawl tal-fatt illi l-esponenti u l-konvenut D C mhumiex legalment izda biss fattwalment separati, fic-certifikat tat-twelid tal-minuri G C gie indikat bhala l-missier il-konvenut D C mentri fir-realta' l-missier naturali tal-imsemmi minuri huwa l-konvenut l-iehor E D' Aponte.

5. Illi dan il-fatt huwa maghruf u rikonoxxut minn kullhadd inkluz iz-zewg konvenuti D C u E D' Aponte u huwa l-istess E D' Aponte illi jitratta lill-minuri G C bhala ibnu u jiehu hsieb il-htigijiet kollha li huwa ghandu;

6. Illi l-minuri G C huwa afflitt minn kundizzjoni medika illi tehtieg trattament ghall-esteru (vide Dok. C) u ghalhekk l-esponenti tixtieq illi tiffinalizza dawn il-proceduri mill-aktar fis possibli.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi c-certifikat tat-twelid tal-minuri G C (Att Numru 4142/2005) ma jirriflettix ir-realta' stante illi l-missier naturali tal-imsemmi minuri mhuwiex il-konvenut D C izda l-konvenut l-iehor E D' Aponte;

2. Tordna l-korrezzjonijiet mehtiega fl-imsemmi certifikat tat-twelid (Att Numru 4142/2005) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem il-missier tikkancella l-isem 'D C' u tissostitwih bl-isem 'E D' Aponte' u fil-kolonni l-ohrajn li jindikaw il-konnotazzjonijiet tal-missier, u cioe' n-Numru tal-Karta tal-Identita', l-eta', il-post tat-twelid u tar-residenza u isem u kunjom il-missier u jekk hux haj o meno, tikkancella l-konnotati tal-konvenut D C u tissostitwihom bil-konnotati tal-konvenut l-iehor E D' Aponte; u

3. Tordna illi dawn il-korrezzjonijiet jigu annotati fic-certifikat tat-twelid tal-minuri G C u fl-atti l-ohra kollha rigwardanti l-istess minuri.

Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti, jehtieg illi r-rikorrenti tippruva l-impossibilita' fizika bejn il-konjugi u cioe bejn il-konvenut D C u bejnha.

3. Inoltre, minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, ir-rikorrenti ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali u cioe tal-konvenut E D' Aponte biex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fil-kolonni rispettivi fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Ghaldaqstant, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-provi dwar il-mertu ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti; bl-ispejjez.

Rat li l-konvenut D C debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici A B qed titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri G li twieled fl-20 ta’ Dicembru 2005, huwa l-wild naturali tal-konvenut E D’ Aponte u mhux tal-konvenut D C kif erroneament indikat fl-Att tat-Twelid tal-minuri; u talbet il-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Twelid numru 4142/05.

Ghalhekk l-azzjoni odjerna hija principalment bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-legittimita’ ta’ tifel imwieled matul iz-zwieg tista’ tigi impunjata wkoll minn kull persuna interessata.

F’ dan l-istadju u b’ referenza ghal valur probatorju tal-prova genetika f’ kazijiet konsimili bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 77 , il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza *PA[PS] Anna Zammit vs D Zammit et noe deciza fit-28 ta’ Frar 2003.*

Mill-provi jirrizulta pacifiku u mhux kontraddett li, ghalkemm A B u D C ghadhom legalment mizzewwgin, dawn kienu sseparaw de facto snin ilu.

Sussegwentement l-attrici bdiet relazzjoni mal-konvenut Antonio D’ Aponte, u eventwalment kellhom tarbija mir-relazzjoni taghhom, bl-isem G li pero’ fuq l-att tat-twelid gie registrat bhala wild il-konvenut D C peress li l-attrici ghadha legalment mizzewwga lilu.

Illi fl-affidavit taghha l-attrici kkonfermat li hija ma kellha ebda relazzjonijiet intimi mal-konvenut D C, ghal izjed minn tlett snin qabel ma twieled G; u kkonfermat ukoll li il-missier naturali tal-minuri huwa l-konvenut E F li mieghu hija qeda f’ relazzjoni serja li tirrisali ghal aktar minn tlett

snin, u li jlhom jikkonvivu ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs.

Illi rizultat ta' testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni mehudin minn fuq il-persuni ta' l-attrici, tal-minuri u tal-konvenut Antonio D' Aponte, jikkonferma t-tesi attrici li G huwa l-wild naturali l-istess Antonio F; u ghalhekk tinsab esklusa b' certezza assodanti l-preteza favor legittimatis krejata bl-att tat-twelid tal-minuri;

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Illi d-dettalji tal-konvenut E D' Aponte huma ndikati f' nota prezentata minnu fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2007. Dan ghandu karta ta' l-identita' numru 10176A, imwieled l-Italja, Napli u fil-mument tat-twelid tal-minuri G huwa kellu 40 sena u kien jirrisjedi San Pawl il-Bahar u missieru, li jismu Diego u llum mejjet, dak iz-zmien kien ghadu haj.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li l-minuri G li twieled fl-20 ta' Dicembru 2005, mhuwiex it-tifel naturali tal-konvenut D C, izda huwa t-tifel naturali tal-konvenut E F li ghandu d-dettlaji personali kif fuq indikati;

u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoreggi l-Att tat-Twelid numru 4142/2005 tal-minuri G billi jitnehhew l-isem u l-konnotati tal-konvenut D C, u minflok jitnizzlu l-isem tal-konvenut E D' Aponte u l-konnotati tieghu.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attrici u tal-konvenuta E D' Aponte, fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------